**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 9 t'Ottubru, 2024**

Rikors Numru: 300/24 AL

A B C

vs

D E C

(M.R. Numru 2317/2007)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors kkonfermat bil-ġurament tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fit-8 ta' Dicembru 2007 (ara kopja tal-estratt tac-certifikat taz-zwieg mmarkat Dok A);

2. Illi l-partijiet sseparaw legalment b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph C Masini Vento fis- 17 ta' April 2018, fliema kuntratt fi klawzola numru 5 huma ddikjaraw li ma hemm l-ebda manteniment dovut lil partijiet reciprokament. Illi fl-istess kuntratt huma rregolaw l-aspetti kollha tal-minuri F C li twieldet fl-14 ta' Settembru 2006 (ara kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni anness bhala Dok B);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom snin twal jghixu separatament minn xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata;

4. Illi fi klawzola 8, il-partijiet qabblu wkoll li l-ebda manteniment ma huwa dovut mill-Mara lir- ragel ghall-minuri u dan peress li hija kienet hallset dan billi hadet sehem anqas mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk ma hemm l-ebda arretrati dovuti.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir- Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-7 t'Awwissu 2024;

Rat illi l-intimata debitament notifikata, msejjha tlett darbiet ma dehritx għal dawn il-proċeduri u ma ppreżentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 t'April, 2018;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.